# KAPITOLU 579

## ATT DWAR IL-MIDJA U L-MALAFAMA.

*ATT biex jipprovdi għall-aġġornar tar-regolamentazzjoni ta' ħwejjeġ li jikkonċernaw il-midja u l-malafama u għal ħwejjeġ konsegwenzjali jew anċillari għal dan.*

14 ta' Mejju, 2018*

*ATT XI tal-2018.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"awtur" tfisser il-persuna li tikteb jew li tikteb ma' ħaddieħor kontenut imxerred b'xi midja;

"editur", meta jkun hemm persuna hekk reġistrata tfisser il-persuna reġistrata bħala editur skont l-artikolu 19, u, meta ma jkun hemm ebda persuna reġistrata skont l-artikolu 19, tinkludi kull persuna li tkun responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja;

"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;

"libell" tfisser malafama permezz ta' pubblikazzjoni;

"liċenzja ta' xandir" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar ix-Xandir; Kap. 350.

"malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;

"midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku inġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;

"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici *online* kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz *offline* mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;

*Ara l-Avviż Legali 150 tal-2018.

"persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le;

"pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;

"Reġistratur tal-Midja" tfisser dik il-persuna li l-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta, jaħtar bħala Reġistratur tal-Midja għall-finijiet ta' dan l-Att;

"responsabbli għall-pubblikazzjoni" tfisser persuna li tkun sid jew tikkontrolla impriża li tippubblika midja miktuba;

"xandir" tfisser trasmissjoni permezz ta' fili jew fuq l-arja, inkluża dik permezz ta' satellita, ta' stqarrija jew immaġni viżivi, sew jekk dik l-istqarrija jew immaġni jkunu fil-fatt riċevuti minn xi persuna sew jekk le.

X'jikkostitwixxi libell.

**3.** (1) Stqarrijiet diffamatorji fil-midja miktuba għandhom ikunu meqjusa bħala ppubblikati u li jikkostitwixxu libell.

Kap. 12.

(2) Stqarrijiet diffamatorji joħolqu azzjoni ta' libell quddiem il-qorti kompetenti u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwardaw azzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qrati Ċivili għandhom japplikaw għal tali azzjoni.

(3) L-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:

(a) l-awtur, jekk huwa jkun ipproduċa x-xogħol sabiex jiġi ppubblikat, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;

(b) l-editur,

jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati,

(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni:

Iżda ma jistgħux isiru kawżi separati kontra l-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) hawn fuq dwar l-istess malafama.

(4) Stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba:

Iżda, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt mhijiex ħsara serja sakemm ma tkunx

ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

**4.** (1) (a) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment huma sostanzjalment veri. Difiżi. Verità.

(b) Meta stqarrijiet li dwarhom ikun sar l-ilment iwasslu għal żewġ imputazzjonijiet jew aktar, jekk ma jiġix muri li waħda jew aktar mill-imputazzjonijiet tkun sostanzjalment vera, id-difiża taħt dan l-artikolu ma taqax jekk, wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-imputazzjonijiet li jiġu murija li huma sostanzjalment veri, l-imputazzjonijiet li ma jiġux murija li huma sostanzjalment veri ma jikkawżawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

(2) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti: Opinjoni onesta.

(a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;

(b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;

(ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' -

(i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew

(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.

(3) Id-difiża msemmija fis-subartikolu (2) tkun mitlufa jekk l-attur juri li l-konvenut ma kellux dik l-opinjoni:

Iżda dan is-subartikolu m'għandux japplika f'każ li d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata mill-konvenut iżda tkun saret minn persuna oħra ("l-awtur"); u f'dak il-każ id-difiża tkun mitlufa jekk l-attur juri li l-konvenut kien jaf jew li kellu jkun jaf li l-awtur ma kellux dik l-opinjoni.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) dikjarazzjoni hija "dikjarazzjoni privileġġjata" jekk il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha tista' turi bħala difiża għaliha li -

(a) il-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku li tkun diġà ngħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'*medium* stabbilit; jew

(b) il-pubblikazzjoni hija dikjarazzjoni evalwata minn persuni oħra fil-qasam xjentifiku jew akkademiku; jew

(ċ) il-pubblikazzjoni hija rapport ta' proċeduri fil-qorti protetti bi privileġġ assolut skont l-artikolu 7.

(5) Id-difiżi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika, bħal meta l-imsemmija persuna:

(a) hija uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku jew uffiċjal jew impjegat ta' korp stabbilit mil-liġi jew ta' korp li fih il-Gvern ta' Malta għandu kontroll effettiv; jew

(b) hija kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għall-onestà, abbiltà jew kompetenza tagħha, sabiex tokkupa dik il-kariga; jew

(ċ) abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew

(d) tieħu sehem attiv fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għas-sehem tagħha fil-politika; jew

(e) tokkupa pożizzjoni ta' fiduċja f'materja ta' interess pubbliku ġenerali:

Iżda l-verità dwar il-materji li għalihom issir l-akkuża ma jistgħux jiġu investigati jekk dawk il-materji jirreferu għall-ħajja privata tal-attur u l-fatti allegati ma jkollhom ebda rilevanza sinifikanti fuq it-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi jew tal-professjoni, arti jew sengħa ta' dik il-persuna:

Iżda wkoll, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, id-difiżi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jistgħu jitqajmu fejn il-materja msemmija hija materja ta' interess pubbliku ġenerali jew fejn il-persuna aggravata, għad li ma tkunx persuna pubblika tkun involuta f'materja ta' interess pubbliku, jew fejn wara li tqis kif jixraq iċ-ċirkostanzi kollha tat-talba l-Qorti tkun sodisfatta li t-tqanqil ta' dawk id-difiżi jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.

Pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku.

**5.** (1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li -

(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u

(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4), sabiex wieħed jiddetermina jekk il-konvenut weriex il-materji msemmija fis-subartikolu (1), il-Qorti għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

(3) Jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, rendikont preċiż jew imparzjali ta' kwistjoni li fiha l-konvenut kien parti, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenut jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku, ma tagħtix każ ta' xi ommissjoni tal-konvenut li jieħu passi sabiex jivverifika l-verità tal-imputazzjoni mwassla minnha.

(4) Fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali kif jidrilha li huwa xieraq.

(5) Sabiex jiġi evitat id-dubju, wieħed jista' juża d-difiża taħt dan l-artikolu irrispettivament jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hijiex dikjarazzjoni ta' fatt jew dikjarazzjoni ta' opinjoni.

Dikjarazzjoni evalwata minn persuni oħra fil-qasam xjentifiku jew akkademiku f'ġurnal xjentifiku jew akkademiku, eċċ.

**6.** (1) Il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni f'ġurnal xjentifiku jew akkademiku (kemm jekk ippubblikat b'mod elettroniku jew xort'oħra) hija privileġġjata jekk ikunu osservati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li d-dikjarazzjoni għandha x'taqsam ma' materja xjentifika jew akkademika;

(b) li qabel ma d-dikjarazzjoni kienet ippubblikata fil-ġurnal saret reviżjoni indipendenti dwar il-mertu xjentifiku jew akkademiku tad-dikjarazzjoni minn:

(i) l-editur tal-ġurnal; u

(ii) persuna waħda jew aktar b'kompetenza fil-materja xjentifika jew akkademika kkonċernata.

(2) Meta l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni f'ġurnal xjentifiku jew akkademiku hija privileġġjata bis-saħħa tas-subartikolu (1) il-

pubblikazzjoni fl-imsemmi ġurnal ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-mertu xjentifiku jew akkademiku tad-dikjarazzjoni hija wkoll privileġġjata jekk -

(a) il-valutazzjoni kienet miktuba minn persuna waħda jew aktar li għamlu reviżjoni indipendenti tad-dikjarazzjoni; u

(b) il-valutazzjoni nkitbet b'rabta ma' dik ir-reviżjoni.

(3) Meta l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni jew valutazzjoni hija privileġġjata bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-pubblikazzjoni ta' kopja xierqa u preċiża ta' estratt minn jew taqsira tad-dikjarazzjoni jew valutazzjoni huma wkoll privileġġjati.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu pubblikazzjoni mhijiex privileġġjata bis-saħħa ta' dan l-artikolu jekk jiġi muri li saret b'malizzja.

(5) Xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem -

(a) li jipproteġi l-pubblikazzjoni ta' materja li l-pubblikazzjoni tagħha hija pprojbita bil-liġi;

(b) li tillimita kwalunkwe privileġġ li jeżisti apparti minn dan l-artikolu.

Pubblikazzjoni-jiet privileġġjati.

**7.** (1) Ma jkun hemm ebda azzjoni għal malafama fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet li ġejjin:

(a) pubblikazzjonijiet li jkunu saru skont Att tal-Parlament jew bl-awtorità tal-President ta' Malta jew tal-Kamra tad-Deputati;

(b) pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn uffiċjali pubbliċi, jew bejn dawk l-uffiċjali u kuntratturi tas-servizz pubbliku jew uffiċjali ta' korporazzjonijiet pubbliċi, rapporti ta' inkjesti magħmula skont kwalunkwe liġi, jew dikjarazzjonijiet minn uffiċjali pubbliċi li jkunu saru *bona fide* fl-interess pubbliku inklużi interessi ta' sigurtà nazzjonali, integrità territorjali, sigurtà pubblika, għal prevenzjoni ta' diżordni jew reat jew għall-protezzjoni tas-saħħa u l-morali;

(ċ) pubblikazzjonijiet ta' rapporti *bona fide* ta' dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, sakemm il-parti rilevanti tad-dibattitu tiġi ppubblikata, u d-difiża ta' kwalunkwe persuna li kontra tagħha tkun saret l-akkuża ma tiġix imrażżna jew imqassra jew modifikata malizzjożament jew negliġentement;

(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċeduri

f'qorti tal-ġustizzja f'Malta, sakemm dawn ir-rapporti huma rapporti imparzjali tal-proċeduri u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew proċeduri mhijiex ipprojbita bil-liġi jew mill-qorti;

(e) kwalunkwe evidenza mogħtija *bona fide* u skont il-liġi quddiem qorti jew quddiem tribunal imwaqqaf b'liġi:

Iżda ma jistgħux jiġu ppubblikati -

(a) kwalunkwe ħaġa li, permezz tal-artikolu 994 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija pprojbita li tintuża jew tkun ippreżentata, jew Kap. 12.

(b) kwalunkwe rapport tal-proċeduri f'xi każ ta' malafama, li fih l-evidenza tal-verità dwar il-materji li dwarhom ikunu saru l-akkużi mhijiex permessa mil-liġi.

(2) Il-pubblikazzjonijiet li ġejjin huma wkoll privileġġjati:

(a) kopja imparzjali u preċiża ta', estratt minn jew taqsira ta', notifika jew materja oħra maħruġa għall-informazzjoni tal-pubbliku minn jew f'isem -

(i) leġiżlatura jew gvern fi kwalunkwe post fid-dinja;

(ii) awtorità li tinsab fi kwalunkwe post fid-dinja li twettaq funzjonijiet governattivi inklużi funzjonijiet polizjeski;

(iii) organizzazzjoni internazzjonali jew konferenza internazzjonali;

(b) kopja imparzjali u preċiża ta', estratt minn jew taqsira ta', dokument disponibbli minn qorti fi kwalunkwe post fid-dinja, jew minn imħallef jew uffiċjal ta' dik il-qorti;

(ċ) rapport imparzjali u preċiż ta' proċeduri waqt konferenza stampa li tkun saret fi kwalunkwe post fid-dinja għad-diskussjoni ta' materja ta' interess pubbliku;

(d) kopja imparzjali u preċiża ta', estratt minn jew taqsira ta', kwalunkwe dokument iċċirkolat lil membri ta' kumpanija elenkata fil-borża -

(i) minn jew bl-awtorità tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija,

(ii) mill-awdituri tal-kumpanija, jew

(iii) minn xi membru tal-kumpanija skont id-dritt mogħti lilu minn kwalunkwe liġi.

(e) kopja imparzjali u preċiża ta', estratt minn jew taqsira ta', kwalunkwe dokument iċċirkolat lil membri ta' kumpanija elenkata f'borża li jirrigwarda l-ħatra, riżenja, irtirar jew tkeċċija ta' diretturi ta' kumpanija jew l-awdituri tagħha;

(f) rapport imparzjali u preċiż -

(i) ta' proċeduri ta' konferenza xjentifika jew akkademika li tkun saret fi kwalunkwe post fid-dinja, jew

(ii) kopja tiegħu, estratt minn jew taqsira ta' materja ppubblikata minn dik il-konferenza.

(3) Fis-subartikolu (2) -

"qorti" tinkludi -

(a) kwalunkwe tribunal jew korp imwaqqaf taħt il-liġi ta' kwalunkwe pajjiż jew territorju li jeżerċita l-poter ġudizzjarju tal-Istat;

(b) kwalunkwe tribunal internazzjonali mwaqqaf mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn ftehim internazzjonali;

(ċ) kwalunkwe tribunal internazzjonali li jiddeċiedi materji fi kwistjoni bejn Stati;

"konferenza internazzjonali" tfisser konferenza li għaliha jattendu rappreżentanti ta' żewġ gvernijiet jew aktar;

"organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni li fiha huma membri żewġ gvernijiet jew aktar, u tinkludi kwalunkwe kumitat jew korp ieħor subordinat ta' dik l-organizzazzjoni.

Privileġġ kwalifikat f'każ ta' dikjarazzjoni pubblika.

**8.** (1) Fi proċeduri ta' malafama taħt dan l-Att għandha tkun difiża għall-konvenut f'kawża ta' libell li jipprova li l-informazzjoni pubblikata jew imxandra fuq midja miktuba tikkonsisti f'rapport preċiż ta' dikjarazzjoni magħmula minn persuna pubblika li kienet taf jew huwa raġonevolment preżunt li kienet taf jew li kienet mistennija li tkun taf li dak il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni kien ser jiġi ppubblikat fuq midja miktuba u li dik il-pubblikazzjoni ta' dik l-imsemmija dikjarazzjoni kienet raġjonevoment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.

(2) Proċeduri ta' libell taħt dan l-Att jistgħu jsiru wkoll kontra kull persuna pubblika li tkun għamlet dikjarazzjoni f'ċirkostanzi fejn kienet taf jew kellha raġonevolment tkun taf jew kienet mistennija li tkun taf li l-kontenut tad-dikjarazzjoni tagħha kien ser jkun ippubblikat fil-midja miktuba u fil-fatt dak il-kontenut jiġi hekk ippubblikat kollu

jew parti minnu. Il-persuna jew persuni msemmija f'dan l-artikolu għandhom jitqiesu li aġixxew xjentement, fin-nuqqas ta' evidenza li turi xort'oħra.

**9.** Fi proċeduri mibdija skont dan l-Att, il-Qorti tista' tordna lill-konvenut iħallas somma mhux aktar minn ħdax-il elf sitt, mija u erbgħin euro (€11,640) bħala danni morali flimkien ma' danni reali taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ:

Danni f'libell.

Iżda f'azzjonijiet ta' inġurja, l-ammont massimu li għandu jiġi mogħti għal danni morali huwa ta' ħamest elef euro (€5,000).

**10.** (1) F'azzjoni ta' malafama l-Qorti għandha tappunta l-każ għas-smigħ preliminari fi żmien għoxrin ġurnata miż-żmien allokat għall-preżentata tar-risposta ġuramentata.

Smigħ preliminari.

(2) Il-Qorti għandha, fis-smigħ preliminari, wara li tisma' lill-partijiet, tiddeċiedi jekk il-kawża tistax tiġi deċiża permezz ta' medjazzjoni jew bi ftehim bejn il-partijiet jew permezz ta' apoloġija, f'kull każ bi jew mingħajr il-ħlas tal-ispejjeż u jew ammont ta' danni li ma jeċċedux elf euro (€1,000). Meta l-Qorti tiddeċiedi li l-azzjoni x'aktarx tista' tiġi riżolta bi ftehim jew b'medjazzjoni bejn il-partijiet għandha tirreferi l-partijiet għal medjazzjoni li għandha tiġi konkluża fi żmien speċifiku, u wara dan il-perjodu l-każ ikompli jekk ma jintlaħaq ebda ftehim bejn il-partijiet.

(3) Fejn il-Qorti tiddeċiedi li l-każ ma jistax ikun deċiż skont kif previst fis-subartikolu (2), hi għandha tipproċedi bis-smigħ tal-kawża.

**11.** (1) Fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata taħt dan l-Att f'każ ta' malafama, il-Qorti għandha tikkunsidra:

Valutazzjoni tal-Qorti.

(a) il-gravità u sa fejn tilħaq il-malafama jew sa fejn il-malafama tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-attur;

(b) jekk il-konvenut eżerċitax id-diliġenza mitluba qabel ma ġiet ippubblikata l-materja malafamanti;

(ċ) jekk il-konvenut għamilx jew offriex li jagħmel apoloġija lill-attur jew li jippubblika kjarifika għas-sodisfazzjon tal-attur qabel l-azzjoni jew kemm jista' jkun malajr wara malli l-konvenut kellu l-opportunità li jagħmel dan fil-każ ta' bidu tal-azzjoni qabel ma kien hemm l-opportunità li jagħmel jew li joffri dik l-apoloġija jew kjarifika.

(2) Jekk il-konvenut, qabel il-bidu tal-proċeduri, ikun għamel apoloġija u ppubblika korrezzjoni mhux riżervata bl-istess importanza daqs il-pubblikazzjoni oriġinali jew ippubblika risposta sottomessa mill-attur bl-istess importanza bħall-pubblikazzjoni oriġinali, il-Qorti m'għandhiex tordna ammont ta' danni morali li jeċċedu ħamest elef euro (€5,000).

(3) Tista' tittieħed azzjoni fir-rigward ta' kull imputazzjoni fl-istess każ u l-persuni kkonċernati fil-libell jistgħu jiġu mħarrka konġuntament jew separatament:

Iżda l-ammont ta' danni morali rkuprat fir-rigward tal-istess każ m'għandux jeċċedi ħdax-il elf, sitt mija u erbgħin euro (€11,640).

(4) Fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata f'azzjoni għal malafama l-Qorti għandha b'dak il-mod li hija tqis li huwa xieraq fl-interess tal-proporzjonalità, tieħu inkonsiderazzjoni wkoll il-kapaċità ekonomika tal-konvenut u l-impatt illi l-ħlas tas-somma li għandha tingħata x'aktarx ikollu fuq il-gazzetta, ix-xandar, is-sit elettroniku, il-ġurnalist jew persuna oħra li tipparteċipa fil-midja.

Edituri ta' siti elettroniċi.

**12.** (1) Dan l-artikolu japplika fejn każ ta' malafama jinbeda kontra l-editur ta' sit elettroniku fir-rigward ta' dikjarazzjoni li tkun ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku.

(2) Hija difiża għall-mitigazzjoni ta' danni għall-editur li juri li ma kienx l-operatur jew il-persuna li ppubblikat id-dikjarazzjoni fuq is-sit elettroniku.

(3) Id-difiża ma tiġix aċċettata jekk l-attur juri li -

(a) ma kienx possibbli għall-attur li jidentifika l-persuna li ppubblikat dik id-dikjarazzjoni, u

(b) l-attur innotifika l-ilment lill-editur fir-rigward ta' dik id-dikjarazzjoni, u

(ċ) l-editur naqas milli jirrispondi għan-notifika dwar l-ilment jew ikun naqas milli jimxi skont xi dispożizzjoni li tinsab f'regolamenti dwar avviżi bħal dawk;

(4) Għall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3), huwa possibbli għall-attur li "jidentifika" persuna biss jekk l-attur għandu informazzjoni suffiċjenti biex jista' jibda proċeduri kontra dik il-persuna.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti li għandhom isiru wara proċess ta' konsultazzjoni u li għandhom jieħdu kont tal-ħtieġa li jiġi garantit bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-persuna u l-libertà tal-espressjoni eżerċitata kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, u li jkunu approvati b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati qabel ma jidħlu fis-seħħ:

(a) jipprovdi għall-azzjoni meħtieġa li għandha tittieħed mill-editur ta' sit elettroniku fir-rigward ta' notifika ta' lment li tista' b'mod partikolari tinkludi azzjoni relatata mal-identità jew dettalji ta' kuntatt tal-persuna li ppubblikat id-dikjarazzjoni u l-azzjoni relatata mat-tneħħija tagħha;

(b) jipprovdi għall-ispeċifikazzjoni taż-żmien perentorju għat-teħid ta’ dik l-azzjoni;

(ċ) jipprovdi għal kull ħaġa oħra għall-finijiet ta’ dan l-artikolu.

(6) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni magħmula bis-saħħa tas-subartikolu (5), notifika ta’ lment hija notifika li -

(a) tispeċifika isem l-attur,

(b) tistabbilixxi d-dikjarazzjoni kkonċernata u tispjega r-raġuni għaliex hi malafama fir-rigward tal-attur,

(ċ) tispeċifika fejn fis-sit elettroniku d-dikjarazzjoni kienet ippubblikata, u

(d) ikollha informazzjoni oħra kif jista’ jkun speċifikat fir-regolamenti.

(7) Id-difiża taħt dan l-artikolu tintilef jekk l-attur juri li l-editur tas-sit elettroniku aġixxa b’malizzja fir-rigward tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni kkonċernata.

(8) Id-difiża ta’ dan l-artikolu ma tintilifx minħabba biss il-fatt li l-editur tas-sit elettroniku jimmodera d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fuqu minn oħrajn.

Regola dwar pubblikazzjoni waħda.

**13.** (1) Dan l-artikolu japplika jekk persuna -

(a) tippubblika dikjarazzjoni għall-pubbliku ("l-ewwel pubblikazzjoni"), u

(b) sussegwentement tippubblika (kemm jekk għall-pubbliku kif ukoll jekk le) dik id-dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni li hija sostanzjalment l-istess.

(2) Fis-subartikolu (1) "pubblikazzjoni għall-pubbliku" tinkludi pubblikazzjoni lil settur tal-pubbliku.

(3) Għall-finijiet taż-żmien perentorju għall-azzjoni ta’ malafama kwalunkwe każ ta’ azzjoni kontra l-persuna għal malafama fir-rigward ta’ pubblikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala li saret fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni.

(4) Dan l-artikolu ma japplikax fir-rigward ta’ pubblikazzjoni sussegwenti jekk il-mod ta’ dik il-pubblikazzjoni hu materjalment differenti mill-mod li bih saret l-ewwel pubblikazzjoni.

(5) Fid-deċiżjoni jekk il-mod kif pubblikazzjoni sussegwenti hu materjalment differenti mill-mod li bih saret l-ewwel pubblikazzjoni, il-materji li l-Qorti tista’ tikkonsidra jinkludu, fost materji oħra -

(a) il-livell ta' prominenza li tkun ingħatat lid-dikjarazzjoni;

(b) il-firxa u ċ-ċirkolazzjoni probabbli tal-pubblikazzjoni sussegwenti;

(ċ) il-metodu ta' pubblikazzjoni.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) meta persuna tippubblika kwantità ta' dikjarazzjonijiet għall-pubbliku li jkunu sostanzjalment simili għall-ewwel pubblikazzjoni skont is-subartikolu (5) u ebda azzjoni għal malafama ma tkun għadha nbdiet, il-persuna aggravata ma jkunx permess lilha li tistitwixxi kwantità ta' azzjonijiet kontra l-istess persuna iżda l-persuna għandha meta tistitwixxi l-azzjoni tagħmel referenza għad-diversi pubblikazzjonijiet u l-Qorti tista', b'żieda għall-kalkolu magħmul skont l-artikolu 11, tieħu inkonsiderazzjoni dik il-kwantità ta' pubblikazzjonijiet meta tkun qiegħda takkorda danni skont l-artikolu 9:

Iżda meta azzjoni tkun diġà nbdiet kontra persuna skont dan l-Att l-attur ma jitħalliex jistitwixxi azzjonijiet ġodda dwar dawk id-dikjarazzjonijiet sussegwenti iżda jkun jista' b'rikors lill-Qorti jġib dawk id-dikjarazzjonijiet sussegwenti għall-attenzjoni tal-Qorti u l-Qorti tkun tista' b'żieda mal-kalkolu magħmul skont l-artikolu 11 tieħu dawk id-dikjarazzjonijiet sussegwenti inkonsiderazzjoni meta tkun qiegħda takkorda danni skont l-artikolu 9.

Ordni sabiex titneħħa d-dikjarazzjoni jew tieqaf id-distribuzzjoni, eċċ.

**14.** Meta l-Qorti tiddeċiedi għall-attur f'azzjoni ta' malafama hi tista' tordna:

(a) lill-operatur jew l-editur ta' sit elettroniku li fuqu tkun ġiet ippubblikata d-dikjarazzjoni ta' malafama sabiex ineħħi d-dikjarazzjoni minn dak is-sit elettroniku, jew

(b) lil kwalunkwe persuna li mhijiex l-awtur, l-editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni malafamanti sabiex tieqaf milli tiddistribwixxi, tbigħ jew turi materjal li fih dik id-dikjarazzjoni.

Dritt għar-risposta.

**15.** (1) Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama jew li invadewlha l-ħajja privata tagħha permezz ta' pubblikazzjoni hija intitolata li titlob sabiex tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-istess *medium*, dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni:

Iżda dan l-artikolu ma japplikax jekk il-miżrappreżentazzjoni ssir f'xandira ta' natura politika li hija parti minn skema approvata mill-Awtorità tax-Xandir fejn il-miżrappreżentazzjoni tista' tiġi kontradetta jew spjegata minn xandira oħra li hija parti mill-istess skema. Fejn il-miżrappreżentazzjoni ssir f'xandira li tkun l-aħħar waħda f'xi skema kif ingħad, tkun l-Awtorità

tax-Xandir li tiddeċiedi kif għandu jiġi eżerċitat id-dritt għar-risposta:

Iżda wkoll ebda persuna m'għandha tkun mitluba li tippubblika dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni li hi malafamanti jew li mhijiex miktuba bil-lingwa tar-responsabbli għall-pubblikazzjoni jew b'xi waħda mil-lingwi użati mill-*medium* tax-xandir jew tas-sit elettroniku fejn hija mitluba li għandha tkun ippubblikata:

Iżda aktar minn hekk id-dritt ta' risposta għandu jkun ristrett għall-korrezzjoni jew kontradizzjoni u, jew spjegazzjoni tal-fatti u m'għandux jestendi għas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti.

(2) (a) F'każ ta' gazzetta, tweġiba skont dan l-artikolu għandha tiġi ppubblikata f'artikolu separat u mingħajr ma jiġi interpolat minn xi kummenti jew materjal ieħor li ma jifformax parti mir-risposta, bi prominenza xierqa kif il-pubblikazzjoni nfisha li dwarha ġie eżerċitat id-dritt ta' risposta u r-risposta ma tistax tiġi mqassra jew emendata b'tali mod li tippreġudika l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' risposta taħt dan l-artikolu. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata mhux aktar tard mit-tieni ħarġa tal-gazzetta wara li tkun ġiet riċevuta t-talba:

Iżda meta d-dritt ta' risposta jsir f'pubblikazzjoni ta' gazzetta ppubblikata f'intervalli ta' mill-inqas ġimgħa, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-ħarġa minnufih ta' wara li tkun ġiet riċevuta t-talba jekk it-talba tkun ġiet riċevuta tal-inqas erbat ijiem qabel il-pubblikazzjoni tal-imsemmija ħarġa u mhux aktar tard mit-tieni ħarġa wara li tkun ġiet riċevuta t-talba fil-każijiet oħra kollha.

(b) Fil-każ ta' xandira, dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) għandha tixxandar mhux aktar tard mit-tieni ġurnata minn wara li tkun ġiet riċevuta t-talba; għandha tkun imxandra b'mod u f'ħin li tilħaq kemm jista' jkun possibbli l-istess udjenza u bl-istess prominenza, u l-ħin allokat għandu jkun il-ħin li huwa d-doppju tal-ħin tax-xandira jew parti mix-xandira li dwarha sar l-ilment u li mhuwiex inqas minn disgħin sekonda u mhux aktar minn mija u tmenin sekonda.

(ċ) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11, fejn l-attur xorta jibda proċeduri ta' malafama minkejja l-fatt li r-risposta tiegħu tkun ġiet ippubblikata skont dan l-Att, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni tagħha, tikkunsidra dan il-fatt u tnaqqas kwalunkwe risarċiment kif ikun xieraq.

(d) Fil-każ ta' midja li tikkonsisti f'sit elettoniku dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku mhux aktar tard mit-tieni ġurnata wara li tkun ġiet riċevuta dik it-talba. Ir-risposta għandha tingħata l-istess prominenza li ngħatat lid-dikjarazzjoni li għaliha saret ir-risposta.

(e) Meta l-editur jew operatur ta' sit elettroniku jirċievi aktar minn risposta waħda dwar l-istess suġġett l-editur jew l-operatur jista' jagħmel taqsira tar-risposti.

(f) Editur jew persuna responsabbli għall-*medium* tax-xandir jew operatur ta' sit elettroniku responsabbli għall-pubblikazzjoni tar-risposta fuq sit elettroniku li jonqos milli josserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jista', wara rikors tal-attur fil-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, jiġi ordnat li jippubblika dik ir-risposta. Il-Qorti tista', wara li tkun semgħet il-partijiet, tordna wkoll lill-editur, persuna responsabbli għall-*medium* tax-xandir jew operatur tas-sit elettroniku, skont kif ikun il-każ, iħallas penali lill-attur li ma teċċedix elfejn euro (€2,000).

(g) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal pubblikazzjonijiet privileġġjati kif imfissra f'dan l-Att.

(h) Id-dritt għar-risposta taħt dan l-artikolu għandu jiskadi jekk il-persuna li titlob dak id-dritt ma tkunx talbitu fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni.

Libell kummerċjali.

**16.** (1) Kull min jippubblika xi dikjarazzjoni li jaf jew b'diliġenza dovuta kien ikun jaf li hija falza u li tista' tikkawża ħsara lil kwalunkwe impriża ta' negozju jew kwalunkwe proprjetà oħra jeħel li jkollu jħallas lill-parti inġurjata, addizzjonalment mad-danni li jistgħu jkunu dovuti taħt xi liġi oħra li tkun fis-seħħ dak iż-żmien fir-rigward ta' telf attwali jew ħsara, ammont li ma jeċċedix ħdax-il elf, sitt mija u erbgħin euro (€11,640) li għandu jiġi stabbilit mill-Qorti.

(2) Kumpanija, fondazzjoni, koperativa u kwalukwe persuna ġuridika oħra tista' tħarrek jew tiġi mħarrka għal malafama.

Malafama fuq persuni mejta.

**17.** (1) Tista' tittieħed azzjoni għal malafama ta' persuna mejta sakemm il-persuna mejta kienet il-missier jew l-omm jew ħu jew oħt jew dixxendenti tal-attur jew l-attur huwa l-eredi tal-persuna mejta u l-attur ikun jista' juri li r-reputazzjoni tiegħu fil-fatt batiet ħsara b'dik l-istqarrija.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe persuna li tfittex għad-danni f'każ ta' malafama permezz ta' stqarrijiet li, minkejja li ġew ippubblikati dwar persuna mejta, huma fil-fatt malafamanti fir-rigward tal-attur hekk iżda li l-istess dikjarazzjoni ma tagħtix lok għall-ħlas ta' danni lill-attur għal aktar minn darba.

Preskrizzjoni.

**18.** Azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha, sakemm ma tkunx soġġetta għal perjodu iqsar ta' preskrizzjoni taħt dan l-Att, tkun preskritta wara li tkun għaddiet sena mid-data ta' pubblikazzjoni.

Edituri.

**19.** (1) Kull persuna li hija residenti f'Malta u li jkollha kapaċità legali tista' tkun editur.

(2) Kull min huwa editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew servizz ta' xandir jista', jekk hekk jagħżel, skont kif ikun il-każ, jipproduċi lir-Reġistratur tal-Midja dikjarazzjoni li jkun fiha -

(a) fil-każ tal-editur -

(i) ismu u kunjomu, numru validu legali ta' dokument ta' identifikazzjoni, età u post ta' residenza jew tax-xogħol; u

(ii) fil-każ ta' gazzetta, it-titolu u n-natura tal-gazzetta u l-intervalli li fihom huwa propost li tkun ippubblikata, u fil-każ ta' sit elettroniku l-indirizz tiegħu fuq is-sit u l-isem tad-*domain*; u

(b) fil-każ tar-responsabbli għall-pubblikazzjoni -

(i) jekk ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni huwa individwu, ismu, kunjomu, l-età, il-post ta' residenza jew tax-xogħol u n-numru validu tad-dokument ta' identifikazzjoni legali;

(ii) jekk ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni hija kumpanija jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni jew persuna ġuridika, isimha, l-indirizz, id-dettalji msemmija fis-subparagrafu (i) fir-rigward tar-rappreżentant ġuridiku, u, fejn applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, soċjetà jew numru ieħor ta' reġistrazzjoni;

(iii) it-titolu u natura tal-gazzetta u l-intervalli li fihom huwa propost li ssir pubblikazzjoni; u

(iv) l-isem u l-indirizz tal-istamperija fejn ser issir il-pubblikazzjoni,

u jekk jagħżlu li jirreġistraw kif provdut f'dan l-artikolu kemm l-editur kif ukoll ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni għandhom iżommu lir-Reġistratur tal-Midja dejjem infurmat dwar il-post ta' residenza jew il-post tax-xogħol tagħhom u għandhom jikkomunikaw mar-Reġistratur tal-Midja dwar kull bidla fil-post tar-residenza jew tax-xogħol tagħhom fi żmien għaxart ijiem minn dik il-bidla.

**20.** (1) Għandu jkun hemm Reġistratur tal-Midja li għandu jżomm Reġistru tal-Midja u jdaħħal fih id-dettalji msemmija fl-artikolu 19 u kwalunkwe tibdil fih, u għandu jdaħħal dettalji oħra u dak it-tibdil li jsir fih kif jista' jkun xieraq jew kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmula mill-Prim Ministru taħt dan l-Att. Reġistratur tal-Midja.

(2) Kwalunkwe persuna tista' tispezzjona r-Reġistru tal-Midja

fi żminijiet kollha raġonevoli waqt il-ħinijiet normali tal-uffiċċju u tista' wkoll, bi ħlas ta' miżata xierqa, titlob kopja ta' ċertifikat ta' kwalunkwe notament fi jew kwalunkwe estratt mir-reġistru miżmum taħt dan l-artikolu.

(3) Ir-Reġistratur tal-Midja għandu jikkanċella reġistrazzjoni ta' editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew ta' servizz ta' xandir -

(a) jekk ikun hekk mitlub bil-miktub mill-editur jew mir-responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħhom; jew

(b) jekk, fil-każ ta' gazzetta ppubblikata f'intervalli li ma jeċċedux xahar, dik il-gazzetta ma tkunx ippubblikata f'perjodu li jeċċedi t-tliet xhur, u fil-każ ta' gazzetta oħra, ma tkunx ippubblikata għal perjodu li jeċċedi sena; jew

(ċ) jekk, fil-każ ta' servizz ta' xandir, dak is-servizz ma jibqax ikun liċenzjat:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal xi pubblikazzjoni perjodika ppubblikata minn, jew b'ordni jew bil-permess jew għall-użu ta', il-President ta' Malta, il-Gvern ta' Malta jew xi Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern jew mill-Kamra tad-Deputati.

(4) Il-Prim Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi:

(a) li l-funzjonijiet tar-Reġistratur tal-Midja għandhom jiġu mwettqa minn dik il-persuna jew mill-organizzazzjoni li tista' fl-opinjoni tiegħu tirrappreżenta kif xieraq lil ġurnalisti u dawk ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni; u

(b) li minbarra l-funzjonijiet mogħtija lir-Reġistratur tal-Midja b'dan l-Att ir-Reġistratur imsemmi jista' wkoll iwettaq funzjonijiet oħra fil-qasam tat-taħriġ, l-analisi tal-iżviluppi fil-midja u t-trawwim ta' mezzi alternattivi u aċċessibbli ta' riżoluzzjoni tat-tilwim relatati mal-midja:

Iżda kull regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu għandhom isiru wara proċess ta' konsultazzjoni u għandhom jiġu approvati b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati qabel ma jidħlu fis-seħħ.

Editur f'każ ta' xandir.

**21.** Kull detentur ta' liċenzja ta' xandir f'Malta għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jiġi kkunsidrat bħala editur u għandu jiġi kkunsidrat bħala editorjalment responsabbli għas-servizz tax-xandir u jista' jkun meħtieġ li jkun hekk reġistrat fir-Reġistru tal-Midja bħala editur sakemm dik il-persuna ma taħtarx persuna oħra sabiex tkun editur flokha.

**22.** Ebda qorti jew tribunal imwaqqaf b'liġi ma jistgħu jitolbu lil editur, awtur, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni jew operatur ta' sit elettroniku sabiex jiżvela s-sors ta' informazzjoni li tinsab f'gazzetta jew xandir jew sit elettroniku li għalihom huwa responsabbli sakemm ma jkunx stabbilit għas-sodisfazzjon tal-qorti jew tribunal li dak l-iżvelar huwa neċessarju f'soċjetà demokratika fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali, is-sigurtà pubblika, jew għall-prevenzjoni ta' diżordni jew reati jew għall-protezzjoni tal-interessi tal-ġustizzja.

Protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti.

**23.** Ebda persuna li s-sorsi tagħha huma privileġġjati skont l-artikolu 22 m'għandha tinstab ħatja ta' disprezz tal-qorti talli tirrifjuta li tiżvela s-sorsi ta' informazzjoni li tinsab f'gazzetta jew f'xandira jew f'sit elettroniku li hi responsabbli għalihom sakemm il-qorti jew tribunal ma jikkonkludux li dak l-iżvelar huwa neċessarju f'soċjetà demokratika fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali, is-sigurtà pubblika, jew għall-prevenzjoni ta' diżordni jew reati jew għall-protezzjoni tal-interessi tal-ġustizzja u dik il-persuna tippersisti li tirrifjuta li tiżvela s-sors ta' informazzjoni.

Rifjut ma jikkostitwixxix disprezz tal-qorti.

**24.** Fi kwalunkwe proċeduri quddiem qorti jew tribunal, ċertifikat maħruġ u ffirmat mir-Reġistratur tal-Midja li juri min huwa jew fi kwalunkwe żmien kien, l-editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta, jew servizz ta' xandir għandu jikkostitwixxi prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma jkunx ipprovat xort'oħra.

Ċertifikat li jservi ta' prova tal-kontenut tiegħu.

**25.** (1) L-Att dwar l-Istampa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att imħassar", hu b'dan imħassar mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħtu.

Tħassir u dispożizzjonijiet transitorji.
*Enumerat: XI.2018.*
Kap. 248.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar:

Iżda mhux aktar tard mit-tieni smigħ fil-qorti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ta' kwalunkwe każ li jinvolvi każ ċivili għal malafama li fil-ħin li daħal fis-seħħ dan l-Att ikun għadu għaddej u ma tħalliex għas-sottomissjonijiet finali jew għad-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, dik il-Qorti għandha *mutatis mutandis* tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2).

(3) L-ammonti ta' danni ċivili li japplikaw taħt l-Att imħassar qabel ma ġie mħassar permezz ta' dan l-Att għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikomplu japplikaw fir-rigward ta' każijiet ta' malafama mressqa taħt l-Att imħassar qabel ma jkun daħal fis-seħħ dan l-Att.

(4) Kwalunkwe proċeduri kriminali istitwiti taħt l-Att imħassar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u li, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, ikunu għadhom għaddejjin quddiem xi qorti, għandhom jieqfu.